DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/108

tat-22 ta' Jannar 2025

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2666 fir-rigward tad-*data* rikonoxxuta bħala preċiża sabiex jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-materja prima agrikola fil-Ġermanja fuq ħamrija organika

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31(4) tagħha,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2666 ([2]), il-Kummissjoni rrikonoxxiet li r-rapport ippreżentat lilha mill-Ġermanja kien fih *data* preċiża sabiex jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ, tas-segala, tal-qamħirrum, tax-xgħir, tat-tritikal, tal-pitrava taz-zokkor, tal-lift, tal-ħaxix tal-għelieqi u taż-żraġen minn artijiet bil-ħaxix tipikament prodotti fir-reġjuni NUTS 2 fil-Ġermanja fuq ħamrija minerali.

(2) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni ta' dawk l-għelejjel prodotti fil-Ġermanja fuq ħamrija organika u sabithom preċiżi. Il-valuri tal-emissjonijiet relatati tħallew barra bi żball mill-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2666 u jenħtieġ li jiġu inklużi f'dak l-Anness. Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2666 tiġi emendata kif xieraq.

(3) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mid-data tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2666. Dan sabiex jiġi żgurat li l-kalkoli għall-ħamrija organika jkunu diġà validi mill-4 ta' Novembru 2024 u li jittieħed approċċ koerenti għall-istess għelejjel imkabbra fuq żewġ tipi differenti ta' ħamrija.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijofjuwils, il-Bijolikwidi u l-Fjuwils tal-Bijomassa.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2666 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2666 tal-14 ta' Ottubru 2024 li tirrikonoxxi skont l-Artikolu 31(2) u (4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 li r-rapport fih *data* preċiża sabiex jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ, tas-segala, tal-qamħirrum, tax-xgħir, tat-tritikal, tal-pitrava taz-zokkor, tal-lift, tal-ħaxix tal-għelieqi u taż-żraġen minn artijiet bil-ħaxix fil-Ġermanja (ĠU L, 2024/2666, 15.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/2666/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-4 ta' Novembru 2024.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2666, jiżdiedu t-Tabella 12 u t-Tabella 13 li ġejjin:

"Tabella 12

L-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-kultivazzjoni tal-qamħ (ħbub), tas-segala (ħbub), tal-qamħirrum (ħbub), tax-xgħir (ħbub), tat-tritikal (ħbub) u tal-pitrava taz-zokkor fil-Ġermanja fuq ħamrija organika (kg CO_{2-eq}/tunnellata ta' merkanzija maħsuda fuq bażi ta' materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003, kif emendat l-aħħar bir-Regolament Delegat (UE) 2023/674		Qamħ (ħbub)	Segala (ħbub)	Qamħirrum (ħbub)	Xgħir (ħbub)	Tritikal (ħbub)	Pitrava taz-zokkor
DE F0	Schleswig-Holstein	811	960	720	802	922	318
DE 60	Hamburg	942	1 264	720	957	1 130	349
DE 91	Braunschweig	870	1 077	755	851	1 066	335
DE 92	Hannover	855	1 094	768	903	1 090	319
DE 93	Lüneburg	971	1 122	766	1 019	1 148	343
DE 94	Weser-Ems	896	1 036	745	984	1 063	333
DE 50	Bremen	940	1 263	709	950	1 126	341
DE A3	Münster	910	1 029	707	972	1 073	356
DE A4	Detmold	899	990	708	931	1 050	334
DE 71	Darmstadt	971	1 122	760	1 025	1 050	352
DE 14	Tübingen	961	1 260	720	965	978	342
DE 21	Oberbayern	934	1 065	692	950	1 124	311
DE 22	Niederbayern	919	1 189	699	930	1 083	294
DE 24	Oberfranken	1 225	1 412	695	1 245	1 287	412
DE 27	Schwaben	898	1 208	690	901	969	297
DE 40	Brandenburg	1 146	1 625	910	1 136	1 597	413
DE 80	Mecklenburg-Vorpommern	920	1 238	902	904	1 389	340

Tabella 13

L-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-kultivazzjoni tal-lift, tal-qamħirrum (pjanta sħiħa), tal-qamħ (pjanta sħiħa), tal-ħaxix tal-għelieqi u taż-żraġen minn artijiet bil-ħaxix fil-Ġermanja fuq ħamrija organika (kg CO_2-eq/tunnellata ta' merkanzija maħsuda fuq bażi ta' materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003, kif emendat l-aħħar bir-Regolament Delegat (UE) 2023/674		Lift	Qamħirrum (pjanta sħiħa)	Qamħ (pjanta sħiħa)	Ħaxix tal-għelieqi	Żraġen minn artijiet bil-ħaxix
DE F0	Schleswig-Holstein	1 669	401	524	669	651
DE 60	Hamburg	1 796	428	661	831	829
DE 91	Braunschweig	1 765	375	553	720	723

Ir-reġjun NUTS 2 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003, kif emendat l-aħħar bir-Regolament Delegat (UE) 2023/674		Lift	Qamħirrum (pjanta sħiħa)	Qamħ (pjanta sħiħa)	Ħaxix tal-għelieqi	Żraġen minn artijiet bil-ħaxix
DE 92	Hannover	1 705	398	554	724	721
DE 93	Lüneburg	1 844	409	553	721	699
DE 94	Weser-Ems	1 605	389	537	703	679
DE 50	Bremen	1 774	411	645	807	776
DE A3	Münster	1 692	420	670	998	963
DE A4	Detmold	1 711	405	678	996	963
DE 71	Darmstadt	1 740	401	641	1 017	1 002
DE 14	Tübingen	1 701	398	630	937	917
DE 21	Oberbayern	1 688	343	697	743	736
DE 22	Niederbayern	1 713	365	697	753	735
DE 24	Oberfranken	2 120	429	709	751	760
DE 27	Schwaben	1 607	360	689	745	719
DE 40	Brandenburg	2 104	607	983	1 270	1 241
DE 80	Mecklenburg-Vorpommern	1 733	487	645	1 267	1 249”